MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1057/1995/1

Joseph Bonnici, Michael Caruana u Charles Puglisivech
vs
Piju Vassallo u b' digriet tas-17 ta' Mejju 2000 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju fl-ismijiet ta' Agostino, Lorna, Alvin u Maria, ahwa Vassallo

**Il-Qorti**,

Rat li b' att tac-citazzjoni l-atturi, wara li ppremettew: illi huma ko-proprjetarji ta' porzjon ta' art maghrufa bhala "Ix-Xaghra ta' wara l-Knisja" fil-kontrada ominima l-Mgarr Malta, tal-kejl ta' elf erba' mija u disa' u tmenin metru kubu [1489mk] konfinanti mill-punent ma' Vitale Street, mit-Tramuntana ma' beni ta' familja Muscat u mill-Lvant in parte ma' beni tal-familja Cachia u in parte ma' G.Camilleri Street, u dan kif jirrizulta minn Kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon [Dok.A inkluza pjanta annessa]; illi l-konvenut Piju Vassallo invada, okkupa u sahansitra applika u ottjena l-permessi relattivi

mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex ikun jista' jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fuq l-art proprjeta' ta' l-atturi, u dan minghajr ebda kunsens jew approvazzjoni da parti ta' l-atturi sidien ta' l-art in kwistjoni; illi kontestwalment ma' din il-kawza kien ipprezentat rikors ghal hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenut Piju Vassallo sabiex jigi inibit milli jinvadi, jokkupa u sahnsitra jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni fuq l-art in kwistjoni proprjeta' ta' l-atturi, u sabiex jigi inibit wkoll milli jbigh jew b' mod iehor jittrasferixxi l-istess proprjeta' lil terzu persuni u dan sabiex jikkawtelaw id-drittijiet pieni taghhom skond il-ligi; talbu li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex: 1. Tiddikjara illi l-art in kwistjoni u cioe' dik il-porzjon ta' art maghrufa bhala "Ix-Xaghra ta' wara l-Knisja" fil-kontrada ominima l-Mgarr Malta, kif fuq spjegat, hija proprjeta' assoluta ta' l-atturi u konsegwentement l-konvenut ma jistax jinvadi, jokkupa jew sahansitra jibni fuq l-istess art in kwistjoni. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa: 1. Illi t-talba attrici hija nfondata peress li la-art de quo hija proprjeta' tal-eccepjenti – b' riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-AIC Joseph Jaccarini minnu prezentata u debitament mahlufa fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2003;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat:-
Illi permezz tal-proceduri odjerni l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni minn din il-Qorti li huma proprjetarji assoluti tal-art maghrufa bhala "Ix-Xaghra ta' wara l-Knisja" fil-kontrada ominima l-Mgarr Malta, tal-kejl ta' elf erba' mija u disa' u tmenin metru kubu [1489mk] konfinanti mill-punent ma' Vitale Street, mit-Tramuntana ma' beni ta' familja Muscat u mill-Lvant in parte ma' beni tal-familja Cachia u

in parte ma’ G.Camilleri Street, u li kienuj xtraw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon [Dok.A inkluza pjanta annessa]; u li ghalhekk l-okkupazzjoni da parti tal-konvenut tikkostitwixxi invasjoni illegali tal-proprjeta’ taghhom.

Illi l-Perit Tekniku, filwaqt li rrefera ghall-kuntratt[1] ta’ xiri tal-konvenut ppubblikat fil-5 ta’ Settembru 1957 fl-Atti tan-Nutar Saviour Abela, osserva li “ma seta’ qatt l-istess konvenut, jassumi li billi sab aktar art ….. jinvadi l-proprjeta’ ta’ terzi u jeccedi l-kejl imsemmi fl-Att b’ iktar minn mija fil-mija..”[2] L-istess Perit ikkonkluda “Fic-cirkostanzi l-Perit Tekniku jidhirlu li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha billi l-art li hemm mhix zviluppata konfinata bil-hajt tas-sejjieh ma’ proprjeta’ ta’ terzi tigi dikjara proprjeta’ tal-atturi li kellhom ukoll dik il-parti mill-art li fuqha sar bini mill-konvenut…”[3]

Illi l-Qorti taddotta l-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet peritali ta taghmilhom taghha b’ mod li ghandhom jifformaw parti mill-gudizzju odjern.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjoni tal-konvenut, u previa adozzjoni tal-kontenut tal-relazzjoni teknika, tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara li l-art in kwistjoni u cioe’ dik il-porzjon ta’ art maghrufa bhala “Ix-Xaghra ta’ wara l-Knisja” fil-kontrada ominima l-Mgarr Malta, kif fuq spjegat, hija proprjeta’ assoluta ta’ l-atturi u konsegwentement l-konvenut ma setax jinvadi, jokkupa jew sahansitra jibni fuq l-istess art. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[1] Dok.JMJ8 Fol.323
[2] Relazzjoni Fol.234
[3] Fol.242